



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 69/26

Il-Lussemburgu, 12 ta' Mejju 2026

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-797/23 | Meta Platforms Ireland (Kumpens ġust)

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-pubblikaturi tal-istampa jkollhom dritt għal remunerazzjoni ġusta meta jagħtu awtorizzazzjoni lill-fornituri ta' servizzi online sabiex jużaw il-pubblikazzjonijiet tagħhom

Il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet adita fil-kuntest ta' rikors ippreżentat minn Meta kontra deċiżjoni tal-Awtorità Regolatorja tal-Komunikazzjonijiet Taljana (AGCOM). Fil-fehma ta' Meta, il-leġislażzjoni Taljana li tistabbilixxi sistema maħsuba sabiex tiżgura remunerazzjoni ġusta għall-użu online ta' publikazzjonijiet tal-istampa tmur kontra l-qafas Ewropew dwar id-drittijiet tal-pubblikaturi fis-suq uniku diġitali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li d-dritt għal remunerazzjoni ġusta tal-pubblikaturi huwa kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, kemm-il darba din ir-remunerazzjoni tkun tikkostitwixxi l-korrispettiv ekonomiku tal-awtorizzazzjoni li jintużaw il-pubblikazzjonijiet tagħhom online. Il-pubblikaturi għandhom ikunu wkoll jistgħu jirrifjutaw din l-awtorizzazzjoni jew jagħtuha b'xejn. Barra minn hekk, ma jista' jintalab ebda ħlas mingħand fornituri li ma jużawx dawn il-pubblikazzjonijiet.

L-obbligi imposti fuq il-fornituri li jidħlu f'negozjati mal-pubblikaturi, mingħajr ma jillimitaw il-viżibbiltà tal-kontenut matul dan il-perijodu, u li jipprovdu d-data neċessarja għall-kalkolu tar-remunerazzjoni, għalkemm jirrestrinġu l-libertà ta' intrapriża, jidhru li huma ġustifikati, kemm-il darba dawn ikunu jgħinu sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-dritt tal-Unjoni li jinħoloq suq li jiffunzjona tajjeb u ġust għad-drittijiet tal-awtur u li l-pubblikaturi jkunu jistgħu jirkupraw l-investimenti tagħhom.

Fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, tali obbligi, li jsaħħu l-protezzjoni tal-pubblikaturi, jippermettu li jinstab bilanċ ġust bejn il-libertà ta' intrapriża, minn naħa, u d-dritt għall-proprjetà intellettuali u d-dritt għal-libertà u għall-pluraliżmu tal-media, min-naħa l-oħra.

L-iżvilupp tat-teknoloġiji diġitali ttrasforma b'mod profond is-settur tal-media u, b'mod partikolari, dak tal-media stampata, li qiegħed iħabbat wiċċu ma' bidliet fi drawwiet l-utenti, maż-żieda fis-servizzi online ta' news clipping u mal-kompetizzjoni ma' kanali diġitali ġodda. Dawn it-trasformazzjonijiet wasslu għal tnaqqis drastiku fid-dħul tal-pubblikaturi, billi poġġew f'riskju l-mudell ekonomiku tagħhom u r-rwol essenzjali tagħhom f'soċjetà demokratika. Sabiex jiġi rrimedjat dan, ittiegħu diversi inizjattivi leġislattivi, fosthom id-**Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Awtur fis-Suq Uniku Diġitali** ¹. Din id-direttiva tintroduċi dritt relatat speċifiku affavur il-pubblikaturi tal-istampa għall-użijiet online tal-pubblikazzjonijiet tagħhom mill-fornituri ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, li jippermettilhom, b'mod partikolari, **li jawtorizzaw jew li jipprojbixxu tali użijiet** ².

Il-leġislatur Taljan ittraspona l-imsemmija direttiva billi ppreveda affavur il-pubblikaturi d-**dritt għal remunerazzjoni ġusta** għall-użu online tal-pubblikazzjonijiet tagħhom, kif ukoll sistema maħsuba sabiex tiżgura din tal-aħħar. B'hekk, il-leġislażzjoni Taljana tobbliga lill-fornituri ta' servizzi jinnegożjaw tali remunerazzjoni mal-pubblikaturi, mingħajr ma jillimitaw il-viżibbiltà tal-kontenut fir-riżultati tat-tiftix matul dawn in-negożjati, u jipprovdu d-data neċessarja għall-kalkolu tagħha. Barra minn hekk, hija tafda lill-Awtorità Regolatorja tal-Komunikazzjonijiet (AGCOM) bil-kompitu li tistabbilixxi l-kriterji għall-kalkolu tar-remunerazzjoni, li tiddetermina l-imsemmija remunerazzjoni f'każ ta' nuqqas ta' qbil u li tiżgura li l-fornituri josservaw l-obbligu tagħhom ta' informazzjoni, inkluż permezz ta' sanzjonijiet.

FI-2023, I-AGCOM iddefinixxiet, abbażi ta' din il-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-kriterji li jippermettu li tiġi ddeterminata remunerazzjoni ġusta għall-użu online ta' pubblikazzjonijiet tal-istampa minn fornituri ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni.

Wieheh minn dawn il-fornituri, Meta Platforms Ireland ³, ippreżenta rikors quddiem il-Qorti Amministrattiva Reġjonali għal Lazio (l-Italja) għall-annullament ta' din id-deċiżjoni. Meta tikkontesta l-kompatibbiltà ta' din id-deċiżjoni u tal-imsemmija leġiżlazzjoni Taljana mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mad-direttiva u mal-libertà ta' intrapriża ggarantita fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Għalhekk, il-qorti nazzjonali adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tivverifika l-kompatibbiltà tal-qafas legali nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li **d-direttiva għandha l-għan li tagħti lill-pubblikaturi drittijiet esklużivi li jirriproduċu u jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-pubblikazzjonijiet tal-istampa tagħhom**, filwaqt li tħalli lill-Istati Membri marġni ta' evalwazzjoni għall-implimentazzjoni tagħhom.

F'dan il-kuntest, **id-dritt tal-pubblikaturi ta' pubblikazzjonijiet tal-istampa għal remunerazzjoni ġusta huwa ammissibbli, bil-kundizzjoni li din ir-remunerazzjoni tkun tikkostitwixxi l-korrispettiv ekonomiku tal-awtorizzazzjoni mogħtija lill-fornituri** sabiex jirriproduċu dawn il-pubblikazzjonijiet jew iqiegħduhom għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, **u li dawn il-pubblikaturi jistgħu jew jirrifjutaw li jagħtu din l-awtorizzazzjoni jew inkella jagħtuha b'xejn**. Barra minn hekk, **ma jista' jiġi impost ebda flus fuq il-fornituri fejn ma jużawx dawn tali pubblikazzjonijiet**. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk il-leġiżlazzjoni Taljana tosservax dawn il-kundizzjonijiet.

L-**obbligi** imposti fuq il-fornituri li jidħlu f'**negożjati** mal-pubblikaturi, **mingħajr ma jirrestrinġu l-viżibbiltà** tal-kontenut matul dan il-perjodu, u li **jipprovdu d-data neċessarja għall-kalkolu** tar-remunerazzjoni **huma wkoll ammissibbli**, billi dawn l-obbligi jistgħu **jiżguraw in-natura ġusta** ta' dawn in-negożjati u jgħinu, għalhekk, sabiex jintlaħaq l-għan tal-protezzjoni tal-pubblikaturi. Fil-fatt, il-fornituri biss għandhom l-informazzjoni li tippermetti li jiġi evalwat il-valur ekonomiku tal-użu online tal-pubblikazzjonijiet tal-istampa, bħalma huwa d-dħul iġġenerat jew mistenni minn tali użu. B'hekk, il-pubblikaturi jsibu ruħhom f'pożizzjoni ta' negożjar dgħajfa apparagun ma' dik ta' dawn il-fornituri f'dak li għandu x'jaqsam mad-determinazzjoni ta' remunerazzjoni ġusta. Barra minn hekk, l-obbligu li wieheh iżomm ruħu li jillimita il-viżibbiltà tal-pubblikazzjonijiet waqt in-negożjati jippermetti li jiġi evitat li ssir pressjoni fuq il-pubblikaturi jew li jinħeba l-valur ekonomiku li jkun jirrappreżenta l-użu tal-pubblikazzjonijiet tal-istampa tagħhom.

Bl-istess mod, is-**setgħat mogħtija lill-AGCOM** mil-leġiżlazzjoni Taljana **huma ammissibbli**, kemm-il darba l-għan tagħhom ikun li **tiġi ggarantita l-implimentazzjoni effettiva tad-drittijiet irrikonoxxuti lill-pubblikaturi**.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li huwa minnu li **dawn l-obbligi, akkoppjati mas-setgħa tal-AGCOM li timponi sanzjonijiet, jikkostitwixxu restrizzjoni fuq il-libertà ta' intrapriża** ⁴ tal-fornituri.

Madankollu, hija tikkonstata li, bla ħsara ta' verifika mill-qorti nazzjonali, **din ir-restrizzjoni jidher li hija waħda ġġustifikata u proporzjonata fid-dawl tal-għanijiet tad-dritt tal-Unjoni** li jiġi żgurat suq li jiffunzjona tajjeb u ġust u li l-pubblikaturi jkunu jistgħu jirkupraw l-investimenti neċessarji għall-produzzjoni tal-pubblikazzjonijiet tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva, b'mod partikolari, li l-impożizzjoni ta' tali obbligi fuq il-fornituri tippermetti li jinstab **bilanċ ġust** bejn il-**libertà ta' intrapriża**, minn naħa, u **d-dritt għall-proprietà intellettuali**, kif ukoll id-dritt għal-**libertà u għall-pluraliżmu tal-media**, min-naħa l-oħra.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Direttiva \(UE\) 2019/790](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE.

² Artikolu 15 tad-Direttiva 2019/790.

³ Huwa magħruf l-aħjar bħala l-amministratur tan-network soċjali online Facebook.

⁴ Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.